## Rapport ta' Ħidma

Perjodu: 01/07/2019 – 15/04/2020

Justin Schembri – Kunsillier Responsabbli mill-Edukazzjoni

**Introduzzjoni –**

Dan huwa rapport ta' ħidma li jkopri l-perjodu msemmi hawn fuq, ippreparat u ppreżentat minni Justin Schembri Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. L-items imsemmija hawnhekk huma l-items li ħdimt fuqhom tul dan il-perjodu u li għandhom referenza għall-edukazzjoni. Mhux qed jitniżżel xogħol ieħor relatat mal-ħidma tiegħi fil-kunsill bħala Minority Leader u li ma tappartjenix għall-edukazzjoni. Il-punti kollha msemmija hawnhekk ġew diskussi fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali u ma kien hemm ebda oġġezzjoni.

***

### 1.1 Urban Gym

Nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju tal-2019 inżammet laqgħa ġewwa l-uffiċini tal-Kulleġġ Santa Tereża Mrieħel fil-11.30am li għaliha kienu preżenti jiena Justin Schembri (Minority Leader) Kunsillier Lokali Birkirkara nkarigat mill-Edukazzjoni, is-Sur Victor Agius Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża u s-Sa Louise Portelli, Segretarja Kulleġġ Santa Tereża. L-iskop tal-laqgħa li saret fuq talba tiegħi u bl-approvazzjoni tas-Sindku Joanne Debono Grech u s-Segretarju Eżekuttiv Neil Spiteri kien sabiex jiġu esplorati possibilitajiet ta' kif tista' tikber il-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali Birkirkara u l-Kulleġġ għal għanijiet edukattivi u sportivi. Il-proposta tiegħi, fid-dawl li ġewwa l-lokalità ta' Birkirkara l-ispazji miftuħa huma ristretti ħafna u t-tfal u r-residenti ma tantx għandhom fejn jirrikreaw irwieħhom, ressaqt il-proposta sabiex biċċa art fil-konfini ta' l-iskola Sekondarja Mrieħel (ara area indikata hawn taħt u li preżentament tinkonsisti f'ħamrija u pal tal-bajtar tax-xewk) tinbidel f'gym miftuħ (Urban Gym) sabiex jintuża kemm mill-istudenti tal-iskola (mal-ġurnata) kif ukoll mir-residenti filgħaxija, fi tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi. Din l-area jkollha entratura separata mill-iskola għar-residenti. Fl-istess ħin ir-residenti jingħataw aċċess ukoll mill-grawnd biswit l-area mmarkata sabiex jinżammu attivitajiet fiżiċi fih.




Dan il-proġett jist' jiġi ffinanzjat parzjalment jew kollu mill-Kunsill Lokali. Ġie suġġerit li għandha ssir proposta formali mill-Kunsill Lokali Birkirkara sabiex tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti għall-kunsiderazzjoni tagħhom u approvazzjoni. Dan isir wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aspetti kollha tal-proġett, inkluż dawk finanzjarji, permessi meħtieġa, approvazzjonijiet mill-awtoritajiet konċernati u kif din il-proposta timpatta fuq pjanijiet futuri għall-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv Neil Spiteri kitbe formalment lill-Prinċipal tal-Kulleġġ is-Sur Victor Agius nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju (email hawn taħt).


uzu ta' skola Mriehel (Bontadini) Inbox ×

**Spiteri Neil at Local Councils** <neil.a.spiteri@gov.mt> Thu, Jul 25, 3:44 PM
to Agius, Joanne, me

Ghaziz Sur Agius,

Wara diskussjonijiet li kien hemm bejnek u bejn is-Sur Justin Schembri li huwa l-kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni, qieghed formalment inressaqlek it-talba tal-Kunsill sabiex bhala Kunsill nghinu biex ikun hemm open gym fl-iskola ta' l-Imriehel, u bhala skola taghmlu tali apparat u l-grawnd available ghall-pubbliku generali wara l-hinijiet ta' l-iskola.

Napprezza l-feedback ufficjali taghkom fuq din l-ideja li se tkun ta' gid kemm ghall-iskola kif ukoll ghall-pubbliku ngenerali.

Grazzi

**Neil Spiteri**
**Segretarju Ezekuttiv**

Jien flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, Kenneth Fenech minn Gokker Ltd flimkien mal-Kunsilliera John Mizzi u Nancy Aquilina żorna l-post u tkellimna dwar il-way forward tal-proġett. Kenneth Fenech ta lill-Kunsill Lokali l-istima relatata mal-proġett

fid-9 ta' Awwissu tal-2019 u l-pjanti tal-proġett edukattiv/sportiv fit-30 ta' Awwissu. L-istima tinsab mehmuża hawnhekk:

**Gokker Company Limited**

43, Ghelejjel;
Triq il-Mezez
Mellieha

VAT No : MT 2200 - 9608

email : info@gokkerltd.com

Contact Person : Kenneth Fenech
Contact No: (00356) 9940 9592

Date: 9th August 2019 — Quotation BKR 20.2019

To :
Birkirkara Local Council

***Descipition of Works :***
*Supply & Installation of Variour Outdoor Urban Gym Units*

| Desciption | Product Code | Unit | TOTAL EXC 18% (€) |
|---|---|---|---|
| Urban Gym _ Cross Country Skiing _ ***Single User*** | DP 654 | 1.00 | 1100.00 |
| Urban Gym _ Skating _ ***Single User*** | DP 656 | 1.00 | 1100.00 |
| Urban Gym _ See-Saw_ **Two User** | DP 658 | 1.00 | 1400.00 |
| Urban Gym _ Bicycle_ **Single User** | DP 661 | 1.00 | 1100.00 |
| Urban Gym _ Press-Up Arm Flexion_ **Two User** | DP 662 | 1.00 | 1400.00 |
| Urban Gym _ Upper Body Workout_ **Two User** | DP 667 | 1.00 | 1400.00 |
| Urban Gym _ Chin-up Station and Upper Limbs Strecher _ **Two User** ***Certified for Disabilty Users*** | DP 677 | 1.00 | 1600.00 |
| Urban Gym _ Arm Bike & Wheel _ **Two User** _ ***Certified for Disabilty Users*** | DP 678 | 1.00 | 1600.00 |
| Urban Gym _ Obligatory Sign | MI 041 | 1.00 | 400.00 |

*Maximum users at one instance : 13 exercixes*

Minkejja li min-naħa tiegħi u tal-Gokker Ltd kien hemm kollox ippreparat, il-proġett għadu ma għamel ebda avvanz. Minħabba f'hekk, bgħatt email lill-Prinċipal tal-Kulleġġ nhar il-Erbgħa 20 ta' Novembru tal-2019 sabiex ningħata indikazzjoni dwaru u ħadt tweġiba lura fl-istess jum. L-emails huma riprodotti hawnhekk:

urban gym

**Justin Schembri** <jstn.schembri@gmail.com> — Wed, Nov 20, 7:32 AM
to victor.a.agius, Birkirkara, carmel.f.attard, Antoine, John

Sur Prinċipal,

Nittama li dan l-email isibek tajjeb.

Qiegħed niktiblek bħala tfakkira sabiex tinfurmani jekk kienx hemm xi żviluppi rigward it-talba uffiċjali li saret mill-Kunsill Lokali ftit xhur ilu sabiex ikun hemm area partikolari fl-iskola tal-Imrieħel li tiġi upgraded mill-Kunsill Lokali għal Urban outdoor Gym li jkun jista' jintuża kemm mill-istudenti matul il-jum u kemm mir-residenti wara l-ħinijiet tal-iskola, flimkien mal-użu tal-grawnd. Il-Kunsill kien għaddielek il-pjanti bid-disinji kollha u t-talba formali mis-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien is-Sur Neil Spiteri li llum ma għadux jokkupa din il-kariga.

Għalhekk, ġenitlment nistenna tweġiba mingħandek ħalli nkunu nistgħu nkomplu naħdmu fuq dan il-proġett utli u meħtieġ.

Nirringrazzjak bil-quddiem u nibgħat inselli għalik.

Justin Schembri
Minority Leader / Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni

(Ikkupjati hawn is-Sur Carmel Attard, Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, is-Sur Antoine Attard il-kunsillier respnsabbli mill-Kommunita' ta' FDL u s-Sur John Mizzi l-kunsillier responsabbli mill-Isport.)

**Agius Victor at MEDE** <victor.a.agius@gov.mt> Wed, Nov 20, 2019, 7:03 PM
to me, Birkirkara, Attard, Antoine, John

Maltese > English Translate message Turn off for: Maltese

*Sur Schembri,*

*Nispera li anke inti tinsab tajjeb.*

*Nassigurak li t-talba tagħkom mexxejtha l-awtoritajiet kompetenti u llum stess ser nibgħat tfakkira. Tislijiet*

*Victor Agius*
*Prinċipal tal-Kulleġġ*

Sal-lum, il-proġett għadu ma kellu ebda avvanz. Fit-8 ta' Novembru tal-2019, għaddejt l-informazzjoni kollha relatat mal-proġett lil Charles Attard Segretarju Eżekuttiv ġdid li ħa post Neil Spiteri.

***

## 1.2 Proġett VR KIT (Vjaġġ Valiġġa)

B'referenza għaċ-ċirkolari SPI10/2019 jiena bħala Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni ħdimt flimkien mas-Sur Michael Spiteri inkarigat mil-librerija reġjonali fil-binja taċ-Ċentru Ċiviku u Neil Spiteri Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali sabiex nagħmlu użu mill-fondi allokati f'din l-iskema. L-idea kienet li l-Kunsill Lokali jixtri sett ta' VR KIT sabiex jintuża fil-Librerija tal-Kunsill Lokali għall-użu pubbliku. L-ewwel laqgħa relatata mal-proġett saret nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju fil-11:30 bejni, Michael Cachia u Neil Spiteri u ġiet diskussa way-forward. Il-proġett kellu dan l-għan –

"Il-Proġett 'vjaġġ-valiġġa' mtella' mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-Librerija Reġjonali f'Birkirkara huwa proġett ta' 'Virtual Reality', teknoloġija li hija waħda emerġenti fid-dinja edukattiva. Il-Proġett virtwali 'vjaġġ-valiġġa' huwa maħsub sabiex jagħti opportunitajiet li dawk li jiffrekwentaw il-librerija tal-lokal sabiex jesperjenzaw realtajiet b'mod viżiv grazzi għal din it-teknoloġija u l-app tal-google, 'Google Expeditions' li għandha 'l fuq minn 1000 spedizzjoni disponibbli għall-pubbliku (il-lista kollha disponibbli hija mehmuża mal-applikazzjoni). Il-Kunsill Lokali għandu wkoll il-ħsieb li joħloq aktar spedizzjonijiet relatati mal-kultura u mat-tradizzjonijiet Karkariżi fost l-oħrajn b'inizjattivi li jkun jista' jvara 'l quddiem jekk kemm-il darba dan il-proġett virtwali 'vjaġġ-valiġġa' jkun ta' suċċess u li jsiru wkoll b'kollaborazzjoni mal-Iskejjel Statali u tal-Knisja fil-lokal. Dan huwa proġett inklussiv maħsub sabiex jagħti aċċess virtwali lill-anzjani u lil dawk b'diffikultajiet ta' mobbiltà imma wkoll lil kulmin b'xi mod

jew ieħor irid idur mal-erbat irjieħ tad-dinja minn Birkirkara stess. L-għan tal-Kunsill Lokali għalhekk huwa, li jinxtara VR Kit li jikkonsisti f'5 Google Cardboard Compatible Headsets u tablet integrati permezz ta' 5GHz router (id-dettalji huma mehmuża mal-applikazzjoni jew http://redboxvr.co.uk/5uservr-ar.html) sabiex jintramaw fi spazju diġà identifikat fil-Librerija Reġjonali f'Birkirkara bl-apparat u l-ispazju meħtieġ u adegwat sabiex kulħadd ikollu l-opportunità li jagħżel spedizzjoni tal-għażla tiegħu u jżurha fil-ħinijiet li fihom tkun miftuħa l-Librerija b'mod individwali. Għaldaqstant, dan huwa proġett li jħajjar aktar nies jersqu lejn il-librerija sabiex l-esperjenza tagħhom ma tkunx biss relatata mal-ktieb tradizzjonali, imma wkoll bħala waħda awdjoviżiva li tinkoraġġixxi aktar tagħlim relatat mal-Istorja, mal-Kultura, mal-Ġeografija u mal-Arti fost l-oħrajn."

Fil-25 ta' Lulju, is-Sur Klaus Konrad ta demostrazzjoni lili, lis-Sindku, lis-Segretarju Eżekuttiv u lil Michael Cachia ta' kif jaħdem il-VR Kit. Minn hemmhekk bdiet kommunikazzjoni mas-Sur David Bezzina minn Outlook Coop sabiex jibdew jiddissinjaw l-logos relatati mal-proġett u wkoll cardboards/perspex biex jitqiegħdu fil-librerija tal-Kunsill u li fuqhom jitqiegħdu l-VR Kits. Riprodott hawnhekk hawn l-informazzjoni tal-VR Kit li nxtara u wkoll disinn tal-Perspex Counters għal kull VR Kit li nxtraw mingħand Outlook Coop. Sal-lum, għandhom ma waslux għand il-Kunsill minħabba li l-librerija magħluqa temporanjament b'konsegwenza tal-COVID-19.



Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara

vjaġġ-valiġġa



***

### 1.3 Kompetizzjoni tal-Kitba għal Jum Birkirkara

Bħalma jsir kull sena, għal Jum Birkirkara tittella' kompetizzjoni ta' kitba u tpinġija. Din is-sena, ingħatajt l-inkarigu li nieħu ħsieb nagħmel xi tibdiliet u għalhekk dawn kienu l-kompetizzjonijiet kollha għas-sena 2019 u r-rebbieħa rispettivi ngħataw ir-rikonoxximenti tagħhom nhar il-5 ta' Diċembru tal-2019 waqt is-serata ta' Jum Birkirkara. Il-Kategoriji D u F nfetħu għall-ewwel darba imma ma attirawx kompetituri u għalhekk il-kompetizzjonijiet rispettivi ma sarux. Il-parteċipazzjoni tal-iskejjel kienet batuta ħafna minkejja li bgħatt ninforma u nħeġġeġ lill-iskejjel kollha f'Birkirkara.

Kategorija <u>A</u> – It-Tpinġija (għall-etajiet ta' bejn il-5 u t-8 snin) –

- Oħloq tpinġija dwar Birkirkara li tista' tinkludi wkoll xi monumenti, binjiet storiċi u veduti fir-raħal.

Kategorija <u>B</u> – Ir-Rakkont (għall-etajiet ta' bejn id-9 u l-11-il sena) –

- Irrakkonta fi kliemek ġrajja mill-Istorja ta' Birkirkara f'madwar 150 kelma.

Kategorija <u>Ċ</u> – Ir-Rakkont (għall-etajiet ta' bejn it-12 u l-14-il sena) –

- Irrakkonta fi kliemek ġrajja mill-Istorja ta' Birkirkara f'madwar 250 kelma.

Kategorija <u>D</u> – Disinn ta' Sticker (għall-etajiet ta' bejn it-13 u s-16-il sena) –

- Iddisinja sticker li toħloq kuxjenza għal Birkirkara aktar nadifa. Id-disinn ikkulurit għandu jkun ippreparat għal sticker tonda b'dijametru ta' 12-il ċentimetru

Kategorija E – Il-Kitba Argumentattiva (għall-etajiet ta' bejn il-15 u s-16-il sena) –

- Ikteb kitba argumentattiva dwar x'jista' jsir f'Birkirkara biex ir-raħal ikun aħjar milli hu llum f'madwar 350 kelma.

Kategorija F – Intervista Awdjoviżiva (għall-etajiet ta' bejn it-13 u s-16-il sena) –

- Irrekordja intervista awdjoviżiva ta' mhux aktar minn 10 minuti ma' xi persunaġġ li għamel jew li qiegħed jagħmel ġieħ lil Birkirkara fi kwalunkwe qasam. L-intervista għandha tenfasizza fuq l-aspetti relatati mas-sehem li l-persunaġġ qiegħed/qiegħda jagħti/tagħti jew ta/tat.

Il-kompetituri kellhom jissottomettu x-xogħlijiet tagħhom sa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2019. Ix-xogħlijiet kienu evalwati mis-Sur Sandro Sciberras u Duncan Dimech mill-membri tas-sottokumitat tal-Edukazzjoni abbażi ta' dawn il-kriterji:

Kategorija A –

| | |
|---|---|
| Relevanza għat-titlu mogħti | 5 |
| L-oriġinalità u l-kreattività fit-tpinġija | 5 |
| Il-ħila artistika fit-tpinġija | 5 |

Kategorija B –

| | |
|---|---|
| Relevanza għat-titlu mogħti | 5 |
| L-iżvilupp tal-kitba f'komponiment | 5 |
| L-oriġinalità u l-kreattività fil-kitba | 5 |
| Relevanza għall-Istorja ta' Birkirkara | 5 |

Kategorija Ċ –

| | |
|---|---|
| Relevanza għat-titlu mogħti | 5 |
| L-iżvilupp tal-kitba f'komponiment | 5 |
| L-oriġinalità u l-kreattività fil-kitba | 5 |
| Relevanza għall-Istorja ta' Birkirkara | 5 |

Kategorija E –

| | |
|---|---|
| Relevanza għat-titlu mogħti | 5 |
| L-iżvilupp tal-kitba f'komponiment | 5 |
| L-oriġinalità u l-kreattività fil-kitba | 5 |
| L-argumentazzjoni u l-ideat | 5 |

***

## 1.4 Programm LEAD

Il-Programm LEAD organizzat mir-Reġjun Ċentru kellu l-għan li jilħaq żgħażagħ li huma interessati fil-Leadership. Ħdimt fuq din l-inizjattiva billi għamilt kuntatt mal-iskejjel kollha tal-lokal u infurmajthom bil-programm nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar tal-2020. Ir-rispons għal dan il-programm kien batut ħafna tant li daħlet biss sottomissjoni waħda. L-email li bgħatt lill-iskejjel u l-formola għall-applikazzjoni huma riprodotti hawnhekk:

**Justin Schembri** <jstn.schembri@gmail.com> Tue, Jan 14, 7:55 AM
to Attard, Birkirkara, deo.grech, farrugiastephanie, geraldine.vella, giselle.cassar, Kap, marchitabonnici

Kollegi edukaturi,

Bħala Minority Leader u Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara qiegħed nistieden lill-iskejjel kollha f'Birkirkara sabiex jgħinu lill-Kunsill Lokali jippreżenta lista ta' 4 subien u 4 bniet residenti f'Birkirkara fl-etajiet ta' bejn il-11 u l-14-il sena sabiex jipparteċipaw fil-programm LEAD taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun Ċentru. Id-dettalji kollha dwar il-programm tistgħu ssibuhom hawnhekk fid-dokument mehmuż. Min-naħa tagħna bħala Kunsill, ġentilment qed nitolbu lil kull skola biex tressqilna 'l quddiem lista ta' 3 studenti li għandhom il-potenzjal ikunu Future Leaders u li għax fihom taraw il-potenzjal ta' Leadership skills. B'hekk dawn l-istudenti Karkariżi jiġu eliġibbli għall-parteċipazzjoni f'dan il-kors fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Lokali. Minħabba li l-Kunsill Lokali jrid jippreżenta lista b'numru fiss, jekk kemm-il darba għand il-Kunsill tasal lista b'numru akbar, il-Kunsill Lokali jiltaqa' mal-istudenti kollha biex minn hemm jagħmel l-għażla finali tiegħu li mbagħad titressaq lir-Reġjun. Madankollu, l-istudenti kollha li jingħata isimhom lill-Kunsill Lokali se jinżammu f'reġistru sabiex dawk li din id-darba ma jingħażlux jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem f'esperjenzi simili 'l quddiem.

Is-sessjonijiet tal-kors se jsiru bejn Frar u Marzu. Il-Kunsill Lokali qiegħed ġenitlment jitlob li l-lista bl-isimijiet u d-dettalji kollha tal-istudenti tasal lura sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2019. Il-formoli mimlija għandhom jintbagħtu lil Justin Schembri permezz tal-email jstn.schembri@gmail.com sad-data indikata. Min ikollu xi diffikultà jista' jagħmel kuntatt miegħi kemm b'email jew bil-mobile fuq 99885107.

Filwaqt li nirringrazzjakom bil-quddiem, nittama li jkolli rispons pożittiv mingħandkom. Inħares 'il quddiem għal aktar ħidma magħkom.

Inselli għalikom,

Justin Schembri

**LEAD**

Leadership Exploration and Development

Il-programm LEAD, imtella' mir-Reġjun Ċentru, huwa workshop intenzjonat sabiex jiżviluppa l-leadership skills u l-valuri soċjali ta' studenti bejn il-11 u t-18-il sena. Dan il-programm qed ikun varat fix-xhur li ġejjin u se jkun qed jinbeda proġett pilota bejn Frar u Marzu tal-2020. Dawn is-serje ta' sessjonijiet ser jimmiraw għal u jilħqu studenti fl-etajiet ta' bejn il-11 u l-14-il sena permezz ta' tagħlim project based imma li jiffoka wkoll fuq il-ħiliet tal-ħsieb kritiku.

**Formola ta' Nominazzjoni**

Isem u Kunjom l-istudent/a: ______________

Data tat-twelid u età: ______________

Skola fejn jattendi/tattendi: ______________

Indirizz f'Birkirkara: ______________

______________

Isem u Kunjom ta' ġenitur: ______________

Numru tal-ID tal-ġenitur: ______________

Numru/i ta' kuntatt tal-ġenitur: ______________

Firma tal-ġenitur: ______________

Firma tal-għalliem inkarigat: ______________

Justin Schembri

Minority Leader / Kunsillier Birkirkara 14/01/2020

***

## 1.5 Ktieb dwar Ċensu Brared

Waqt il-laqgħa numru 5 tal-Kunsill għal din it-8 Leġiżlatura fissirt li waslet għandi teżi miktuba bl-Ingliż dwar il-ħajja ta' Vincenzo Borg Brared ta' ċertu Mikea Sammut żagħżugħ minn Birkirkara u li tkun idea tajba li kieku l-Kunsill Lokali kellu jaħdem fuq din it-teżi u jippubblikaha bħala ktieb bil-Malti. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni mill-kunsilliera u ngħatajt l-inkarigu li nibda naħdem fuqha. Ix-xogħol fuq din il-pubblikazzjoni għadu fil-bidu tiegħu minħabba diversi fatturi. Din hija reġistrata fil-minuti tal-laqgħa taħt item 5.4.9 tal-istess laqgħa.

***

## 1.6 Fiera tal-Kotba

Ġie suġġerit minni li fil-ġimgħa li jkun iċċelebrat Jum Birkirkara, tiġi organizzata fiera ta' kotba fis-sala ewlenija taċ-Ċentru Ċiviku. Għalhekk għamilt kommunikazzjoni mas-Sur Chris Azzopardi rappreżentant tal-Wise Owl Publications sabiex tibda tiġi ppjanata l-fiera. Minkejja l-interess, kien diffiċli biex tittella' fl-ġimgħa ta' Diċembru kif kien ippjanat minħabba loġistika. Għalhekk din ġiet posposta għall-ewwel ġimgħa ta' Marzu. Madankollu, din il-fiera ġiet ikkanċellata minħabba loġistika relatata ma' għamara meħtieġa għall-fiera. L-email li jikkonfermaw il-kommunikazzjoni ma' Chris Azzopardi huwa riprodott hawnhekk:

Fiera tal-kotba.



**Justin Schembri** <jstn.schembri@gmail.com> Mon, Feb 3, 9:05 AM
to Chris, Attard, Birkirkara

Sur Azzopardi,

Nikkonferma li l-Kunsill Lokali lest li jilqagħkom għall-fiera bħalma ftehemna:

Qed noffrilek li ttella' l-fiera bejn il-Ġimgħa 28, is-Sibt 29 u l-Ħadd l-1 ta' Marzu 2020. Nistgħu nagħtukom is-sala mill-Ħamis (tistgħu ġġibu l-affarijiet anke l-Erbgħa waranofsinhar) u żżarmaw sat-Tlieta 3 ta' Marzu f'nofsinhar.

Sadanittant napprezzaw jekk tistgħu tippreparaw poster sabiex inkunu nistgħu nirriklamawh din l-attività fuq il-mezzi soċjali tagħna. Is-sala tinsab fit-2 sular taċ-Ċentru Ċiviku fil-binja tal-Kunsill Lokali, Triq Tumas Fenech, Birkirkara.

Mehmuż hawn ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill is-Sur Charles Attard.

Inselli għalik,
Justin Schembri
Minortiy Leader u Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni

L-email li jikkonferma li l-fiera qed tiġi kkanċellata mill-organizzaturi ntbagħtet lili mis-Segretarju Eżekuttiv nhar l-24 ta' Frar tal-2020.

***

**Konklużjoni –**

Huwa ta' dispjaċir li ninnota li minn dan ix-xogħol kollu l-aktar proġetti importanti 1.1 / 1.2 hawnhekk spjegati fid-dettall għandhom ma ġewx konklużi. Għalkemm il-proġett relatat mal-VR Kit / Vjaġġ Valiġġa (1.2) huwa miexi sewwa u għandu jkun varat la darba tgħaddi l-imxija tal-COVID-19, il-proġett imsemmi f'1.1 għadu fil-fażi li jkun ikkonfermat mill-awtoritajiet rispettivi. Sfortunatament ma laħqux ġew organizzati attivitajiet li jikkolaboraw bejn l-iskejjel tar-raħal u l-Kunsill Lokali bħalma kien ippjanat.

Justin Schembri

Kunsillier / Minority Leader